MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2095/2003

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta Christopher Massa**

**Vs**

**Salvatore Zarb**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta Ottubru 2003 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm273.03) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura tal-assikurat tal-attur fl-incident stradali li gara fit-3 ta Dicembru 2003 numru ta registrazzjoni KBA 427 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru CAF 118 ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 19 ta Novembru 2002 u dik prezentata kontestwalment ma dan l-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta dan l-avviz kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-rispsota tal-konvenut prezentata fit-30 ta Ottubru 2003 fejn eccepixxa in linea preliminarja l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u fit-tieni lok u fil-meritu li l-konvenut ma kellu ebda htija ghall-incident in kwistjoni liema habta sehhet minnhabba tortijiet imputabbli lill-assikurat tal-istess socjeta attrici.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ra s-sentenza ta dan it-Tribunal kif diversament presjedut datata 20 ta Settembru 2004 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza taghha datata 20 ta April 2005 in forza ta liema giet respinta l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjes kontra tieghu.

Ikkunsidra.

Fix-xhieda tieghu Mario Mifsud rapprezentant tas-socjeta attrici ighid illi mill-ammont mitlub ghandu jitnaqqas is-somma ta hamsa u ghoxrin lira Maltin li l-assikurat taghha kien hallas bhala excess. Ghalhekk is-socjeta attrici qed tippretendi s-somma ta Lm248.03. L-assikurat taghha ighid li huwa kien qed isuq fit-telgha ta Alla u ommu fid-direzzjoni tan-Naxxar. Kienet gurnata ta maltemp u kien hemm it-traffiku. Bejn il-vettura tieghu u dik tal-konvenut li kien qed isuq quddiemu kien hemm vettura ohra. L-assikurat isostni li hekk kif kwazi waslu fil-quccata tat-telgha kwazi fejn ir-roundabout, il-vettura tal-konvenut waqfet u kwindi l-vettura li kien hemm bejniethom issorpassatu. Hekk kif l-assikurat kien ser jaghmel l-istess, il-vettura tal-konvenut bdiet miexja lura ghal fuqu u ghalkemm l-assikurat Massa pprova jevitha billi gibed il-barra huwa ma rnexxilux u l-impatt sehh, u cioe l-vettura tal-konvenut baqghet diehla ghal fuqu bir-reverse. In kontro-ezami Massa jsostni li huwa anke daqq il-horn biex

jipprova jigbed l-attenzjoni tal-konvenut. Jaqbel ukoll mal-posizzjoni ndikati mill-pulizija dwar kif spiccaw il-vetturi wara l-habta. Fuq domanda tat-Tribunal Massa ma setghax jispjega kif hu u l-konvenut ma laqtux il-vetturi ta wara la darba gie allegat li l-vetturi tkaxkru ghal wara u t-trieq kienet bit-traffiku. Ix-xhieda bil-gurament moghtija mill-assikurat Massa taqbel mal-verzjoni li huwa ta a tempo vergine lill-Pulizija kif jirrizulta a fol 60 tal-process. Michelle Massa mart l-assikurat li kienet riekba fil-vettura tikkonferma in sostanza l-verzjoni moghtija minn zewgha.

PS 977 Joe Zammit li nvestiga l-incident in kwistjoni apparti li jikkonferma r-rapport u skizz mhejji minnu, esebixxa kopja awtentikata tal-istess markat Dok JZ1 filwaqt li jikkonferma li dak inhar kienet gurnata maltemp.

l-konvenut jallega li huwa kien wasal biex jitla l-imsemmija telgha u kien miexi bil-mod fuq ix-xellug tat-trieq meta hass daqqa fuq il-vettura mal-gemb tan-naha tieghu. Qabel il-habta qatt ma kien raha din il-vettura peress li kienet gejja minn warajh. Stante li d-daqqa hadha fuq in-naha tas-sewwieq l-anqas seta johrog mill-bieba tieghu. Jichad li l-vettura tieghu waqfitlu u mexa lura. Waqaf biss mal-impatt u minhabba l-impatt. Anke l-konvenut jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif murija fuq l-iskizz. Dak il-hin tal-incident kien hemm it-traffiku li kien miexi bil-mod filliera wahda minnhabba l-maltemp.

Illi l-kwistjoni kollha meritu ta din il-kollizzjoni tirrisolvi ruhha f'kwistjoni semplici ta kredibbilita – cioe jekk kienx l-assikurat li dahal fil-vettura ta quddiemu jew jekk kienx li l-konvenut li nizel lura fuq il-vettura tal-assikurat. Ta min ighid illi z-zewg sewwieqa jaqblu mal-iskizz tal-pulizija. Jigi ghalhekk notat minn dan it-Tribunal illi jekk wiehed jezamina l-istess skizz u fejn garrbu hsarat il-vetturi rispettivi cioe pjuttost gemb ma gemb invece minn front to rear, din ic-cirkostanza twassal aktar biex taghti kredibbilita ghal verzjoni moghtija mill-assikurat cioe li l-impatt sehh meta l-konvenut mexa lura waqt li hu kien qed jipprova jissorpassah minn dik il-verzjoni moghtija mill-konvenut cioe li l-assikurat dahal fuqu minn wara u dana oltre ghall-fatt li l-assikurat jinsab korroborat mix-xhieda ta

martu fir-rigward ta liema, t-Tribunal ma jara ebda raguni il-ghala ma ghandhiex titwemmen.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut fil-meritu, qieghed jilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta mitejn u tmienja u erbghin lira u tliet centezmi (Lm248.03) bl-imghax legali dekorribbli millum u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu wkoll sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------